**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 2/2022 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**EF**

**Vs**

**LF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors EF datat 4 ta' Jannar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet izzewgu nhar t-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied li llum huma maggorenni;*

2. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Prim'Awla) datat l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009);*

3. *Illi l-partijiet ilhom aktar minn tnax (12) il-sena de jure separati;*

4. *Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mis-sena elfejn u disgha (2009) ma jghixux flimkien, illum*

*ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

5. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr Margaret Heywood, datat id-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009), l-partijiet iddekadew definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti fir-rigward tal-ulied;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 18 ta' Marzu 2022, a fol 12 li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata tikkonferma l-fatti ravvizati fir-rikors tar-rikorrent datat l-erbgha (4) ta' Jannar tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022);*

2. *Illi l-intimata taqbel mat-talbiet tar-rikorrent u cioe li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif ukoll sabiex tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dana ai termini ta' artikoli 66B, 66C u kif ukoll atikolu 66N(1) (a) u (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi ma hemmx l-ebda arretrati ta' manteniment, u lanqas ma tezisti xi possibilita ta' rikonciljazzjoni stante illi l-partijiet illum ghandhom hajja independenti minn xulxin;*

4. *Illi l-unika eccezzjoni li l-intimata ghandha x'tissoleva hija illi l-istess m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn l-odjerni proceduri u dan stante illi kien ir-rikorrent li ghamel it-talba ghad-divorzju u ghaldaqstant ghandu jkun hu li jbati tali spejjez;*

*Illi, ghar-ragunijiet suesposti l-intimata tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti ghat-talbiet kollha tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 21 ta' Marzu 2022 li permezz tieghu nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Anna Maria Cordina Zammit sabiex permezz ta' video conference tisma lill-intimata LF li tghix fl-esteru (vide fol 14);

Rat illi Dr Anna Maria Cordina Zammit espletat l-inkarigu taghha u x-xhieda tal-intimata tinsab debitament inserita fil-process;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EF xehed** (vide affidavit a fol 3) illi l-partijiet zzewgu nhar it-2 ta' Awwissu 1997 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum adulti. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt nhar id-29 ta' Dicembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood. Iddikjara illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm

rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illum, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal tali rikonciljazzjoni. Ikkonferma di piu', li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**LF xehdet** nhar it-22 ta' April 2022 quddiem l-Assistent Gudizzjajru (vide, fol 16) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati***

*b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar it-2 ta' Awwissu 1997, liema zwieg igib c-certifikat numru 1317/1997 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar id-29 ta' Dicembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood (Vide Dok B, fol 5 et seqq) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1317/1997 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**